IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 28**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 26 ta' Marzu 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A27**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A27 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. — Qari u approvazzjoni tal-Minuti A27

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A27**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A27

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A27** — Punti li joħorġu mill-Minuti A27

3.01 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il-laqgħa li l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand Transport Malta. — *Double Yellow Lines* fi Triq il-Lewż

3.02 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il-laqgħa li din il-kwotazzjoni kienet għadha ma nfetħitx peress li l-Kunsill il-ġdid għadu ma nħatarx. — Kwotazzjoni tat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika

3.03 4.02 Is-Sur Paul Grech informa 'l-laqgħa li tkellem dwar din il-problema mal- — Ġbir tal-iskart



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u minn informazzjoni li għandu, din il-problema ssolviet.

3.04 5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il-laqgħa li kienet għadha qed issir il-verifika dwar jekk is-sinjali kellhomx isiru minn Transport Malta meta ġew asfaltati t-toroq. Sinjali tat-traffiku

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea talab li jsir *double yellow line* quddiem il-garaxx tar-residenza 'Il Mio Sogno', Triq is-Sajf ta' San Martin, Baħrija. Talba għal 'double yellow line'

5.02 Is-Sur Paul Galea saħaq li l-*patching* fin-niżla tal-għajn tas-Sirena kien għadu ma sarx. *Patching* f'Tas-Sirena

5.03 Is-Sur Paul Galea ġibed l-attenzjoni li x-xogħol fuq il-gandott li hemm mal-*bus shelter* 'Bajdar' fi Triq is-Sajf ta' San Martin kien għadu ma sarx. Gandott ħdejn l-*istage* 'Bajdar'

504 Is-Sur George Attard talab li jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm fit-triq prinċipali tal-Baħrija f'April jew f'Mejju qabel ma jinxef. Il-Kumitat qabel. Qtugħ ta' ħaxix

5.05 Is-Sur George Attard staqsa jekk hemmx fondi mill-Unjoni Ewropea dwar sistemi ġodda tad-drenaġġ. Sistema tad-drenaġġ
Is-Sur Paul Grech qal li ser iressaq proposta quddiem il-Kunsill sabiex niktbu lill-Ministru responsabbli mid-drenaġġ sabiex nippruvaw nerġgħu nqajmu dan il-każ.

**6.00 Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 30 ta' April 2013 fis-6.00 p.m. Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 pm.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**